## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR OMAR ZAMMIT) V. MOHAMED ABDALSALAM ABDULHAFED ALBOAISHI (KI. 191213A)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**8 ta' Jannar 2025**

IL-QORTI,

rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra Mohamed Abdalsalam Abdulhafed Alboaishi ta' 34 sena, imwieled il-Libja, nhar is-06 ta' April 1989, detentur tal-karta ta' l-identita' 0191213A u residenti 165, Triq l-Arkata, Paola (imsejjaħ "l-imputat"), li ġie ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja taħt arrest mixli illi:

**"nhar is-06 ta' Jannar 2025, fil-granet, fil-gimghat u s-sena ta' qabel, f'diversi hinijiet, gewwa dawn il-Gzejjer Maltin:**

**1) Ikkawża lil martu Ruby Zahra, fastidju ghal iktar minn darba u gab ruhu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li kien qed ikun ta' fastidju ghall-mara tieghu Ruby Zahra - *Art. 251A, Art. 251H(a)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;***

**U aktar talli nhar il-21 ta' Novembru fis-13.35hrs, gewwa dawn il-Gzejjer Maltin:**

**2) Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kodici Kriminali lil martu u cioe' Ruby Zahra jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;**

***Art. 339(1)(e) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta***

rat li l-Qorti ġiet mitluba *inter alia* illi kemm il-darba tinstab ħtija fl-imputat, tħaddem l-Artikoli 382A, 383, 384, 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta ta' Ruby Zahra;

rat li waqt is-seduta tal-lum meta sar l-eżami tal-imputat bla theddid, bla twegħid u bla ġurament ai termini tal-Art. 370(4), 390(1) u l-Art. 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja u wara li l-Qorti tagħtu żmien xieraq sabiex iwieġeb għal din il-mistoqsija, l-imputat wieġeb li m'għandu l-ebda oġġezzjoni f'dan ir-rigward,

rat li l-Avukat Ġenerali tat il-kunsens tagħha ai termini tal-Art. 370(4) tal-Kap. 9 sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja,

rat li waqt l-eżami msemmi, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk iridx u xi jrid iwieġeb fuq l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, l-imputat iddikjara li huwa ħati,

rat illi l-Qorti ppostponiet il-kawża għal ftit minuti sabiex l-imputat jikkonsulta l-avukat tiegħu u jerġa jaħsibha,

rat li meta reġgħet issejħet il-kawża l-imputat reġa wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu,

semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Omar Zammit
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Martin Fenech ,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija u billi r-reati imsemmija iġorru piena ta' mhux aktar minn tnax-il sena priġunerija, il-Qorti wara li wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba, tatu ftit taż-żmien biex jerġa' lura minnha. Wara li l-imputat baqa' jtenni l-ħtija tiegħu, il-Qorti kkonvertit ruħa f'waħda ta' Ġudikatura Kriminali ai termini tal-Art. 392A tal-Kap. 9 u għaddiet sabiex tagħti din is-sentenza lill-imputat.

2. Fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena l-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi u ċioe tenut kont l-ammissjoni bikrija fl-ewwel stadju possibbli tal-proċeduri flimkien mal-fatt illi l-imputat għandu fedina penali nadifa apparti ċirkustanzi oħra li ħarġu mit-trattazzjoni tal-piena, tara illi tkun qed toħloq bilanċ bejn id-dritt tas-soċjeta li tkun protetta u l-interessi tal-imputat jekk minflok piena karċerarja effettiva tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Deċiżjoni**

**Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi (Art. 28A, 251A, 251H(a)(b), 339(1)(e), 382A, 383, 384, 385 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) il-Qorti qed tiddisponi minn din il-kawża billi ssib lill-imputat ħati fuq ammissjoni tiegħu stess tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u tikkundannah għal piena karċerarja ta' sena li qed tiġi sospiża għal żmien sentejn mil-lum.**

**Inoltre l-Qorti qegħda ai termini tal-Art. 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur il-persuna msemmija fl-istess Ordni għal perjodu ta' tlett (3) snin taħt dawk il-kundizzjonijiet elenkati fl-istess ordni li qed tiġi annessa mas-sentenza. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' din l-Ordni u l-konsegwenzi legali f'każ li huwa jikser xi kundizzjoni tad-digriet imsemmi.**

**Il-Qorti tordna ukoll li kopja tal-Ordni ta' Trażżin tintbagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija u li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja *scanned* tal-atti inkluż ta' din is-sentenza fi żmien sitt ijiem tax-xogħol.**

V.G. Axiak — Y. M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur